# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1725/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Gianni Guarracino

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u erbghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm149.26), rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mil-10 ta' Mejju, 1999, sal-10 ta' Mejju, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, deher fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2001, u nfurma lit-Tribunal li kien qed jikkontesta t-talba, izda nonostante li gie koncess lilu terminu sabiex jipprezenta r-risposta, huwa baqa' la deher u l-anqas prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony J. Vella li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u erbghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm149.26) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR